**Ezami għall-*Warrant* ta' Avukat**

(Parti bil-miktub)

Il-Ġimgħa 5 ta' Marzu, 2004

**(It-tweġibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Il-ħin massimu biex wieħed iwieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B hu ta' tlett siegħat.)**

**Parti A**

Irrispondi tlieta biss minn dawn li ġejjin billi tabbozza:

i. rikors għall-ftuħ tas-suċċessjoni ta' persuna li mietet *ab intestato*;

ii. ċitazzjoni ta' spoll fejn il-klient tiegħek qed jilmenta mill-ftuħ ta' tieqa mill-ġirien għall-fuq il-bitħa tiegħu.

iii. ċitazzjoni għat-twaqqif ta' l-eżekuzzjoni ta' sentenza li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni;

iv. rikors, ben motivat, għar-rilaxx favur il-klient tiegħek ta' kwantita` ta' merkanzija maqbuda mill-Kontrollur tad-Dwana, fir-rigward ta' liema merkanzija l-Kontrollur ħareġ Nota ta' Qbid;

v. rikors fil-Qorti tal-Maġistrati għar-rilaxx ta' persuna li qed jiġi allegat li qed tinżamm illegalment fl-Isptar Monte Carmeli;

vi. rikors ta' appell minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li ċaħdet talba tal-klijent tiegħek sabiex il-Kummissarju tal-Pulizija jiġi ordnat jipproċedi kriminalment kontra persuna li allegatament serqet il-karozza tal-klient tiegħek.

**Parti B**

Irrispondi mistoqsija waħda biss minn dawn li ġejjin:

a. AB jinfurmak li huwa għandu kawża pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell fejn qed jiġi patroċinat mill-avukat CD. Huwa jallega li CD mhux qed iħares sew l-interessi tiegħu u li ttraskura gravement, tant li x'aktarx kien għalhekk li xi whud mit-talbiet tiegħu gew dikjarati preskritti fis-sentenza tal-Prim Awla. Huwa jixtieqek tibda tippatroċinah, u jrid ukoll li jittieħdu passi dixxiplinari kontra CD. Fisser il-passi kollha li inti għandek tieħu f'dan il-każ skond l-etika professjonali.

b. Fisser l-obbligi li johorgu mill-etika professjonali li avukat ghandu fil-konfront tal-Qorti li quddiemha jkun qed jidher f'kawza a nom tal-klient tieghu, u dan b'referenza partikolari ghall-provvedimenti tal-Kodici ta' Etika.

c. X'inhuma l-limiti, jekk hemm, tas-sigriet professjonali?